MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Numru 23/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Anthony Seychell**

Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fis-7 ta' Dicembru 2006 kontra Anthony Seychell li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuza lill-imsemmi Anthony Seychell talli (1) ikkoltiva l-pjanta

*cannabis*; (2) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kontra l-ligi taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Marzu 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih unanimament sabu lill-appellant (allura akkuzat) Anthony Seychell hati skond l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza u b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabuh hati tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza, iddikjaratu hati talli **(1)** f'xi zmien fil-granet u x-xhur ta' qabel il-25 ta' Gunju 2004, ikkoltiva l-pjanta *cannabis*, u dana skond l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza; **(2)** fil-25 ta' Gunju 2004, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8(c)(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(aa)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regoli 4(a), 8 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq Drogi Perikoluzi (G.N. 292 ta' l-1939) u l-Artikoli 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-appellant Anthony Seychell ghall-piena ta' tnax-il sena prigunerija, b'dana li minn dan il-perijodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma' dawn ir-reati, kif ukoll li jhallas multa ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx

minnufih, tigi awtomatikament konvertita fi tmintax-il (18) xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta' tlett elef, sitt mija u tnejn u hamsin euro u centezmu (€3,652.01) import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tieghu, kif ukoll ordnat id-distruzzjoni ta' l-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud sakemm, fi zmien hmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata, l-Avukat Generali b'nota ma jinfurmax lil dik il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi, u b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirrapporta b'verbal lil dik il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza, dawn jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi;

Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, u wara li semghet ix-xiehda ta' Victoria Scicluna, rapprezentanta tas-SEDQA fil-Qorti li ddeskriviet fid-dettal il-kuntatti li l-hati kellu mas-SEDQA mill-25 ta' Jannar 2005, kif ukoll wara li rat ir-rapport ta' Dr. Sandra Darmanin (Dok. A) esebit a fol. 10 ta' l-atti ta' akkuza, u qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati, u senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:

"L-abbli difensur Dr. Tonio Azzopardi ssottometta li :-

1. Illi l-hati kellu *"background"* problematiku w kien ibaghti minn ugiegh qawwi f'dahru li ma kienx ihallih jorqod u din hija cirkostanza specjali li kellha tittiehed in konsiderazzjoni ghal fini tal-mitigazzjoni tal-piena.

2. Li meta l-Pulizija marru fuq il-post biex jaghmlu t-tfixxija, l-hati ma fixkilhomx.
3. Li l-hati wera s-sobgha tieghu ghal dak li ghamel u din stqarraha anki fil-kors tal-guri.
4. Li fi stadju opportun tal-process id-difiza rregistrat ammissjoni fuq l-Ewwel Kap u b'hekk iffacilitat il-kompitu tal-gurija w tal-Qorti f'dan il-kaz.
5. Li l-hati diga' bata hafna f'hajjtu.
6. Li kellha tinzamm certa relattivita` bejn il-piena li kienet ser tinghata lill-hati w dik li nghatat f'kazijiet ohrajn.

"L-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant invece ssottomettiet li :-

1. Illi dwar il-kooperazzjoni tal-hati jigi rilevat li dan m'ammettiex qabel ma gie ffurmat il-guri w ammetta biss wara li mix-xhieda tieghu stess harget cara l-htija dwar l-Ewwel Kap.
2. Illi ma jistax jinghata messagg lis-socjeta` li din id-droga kkontrollata bil-ligi tista' qatt tintuza ghal xi fini terapewtiku jew medicinali.
3. Illi l-hati nstab hati ta' pussess aggravat u allura l-Qorti kellha tqis il-potenzjal tal-hsara li d-droga, li parti minnha kienet diga` lesta biex titqassam, kienet se tikkaguna fis-socjeta`.
4. Li l-kwanitita` tad-droga maqbuda kienet wahda sostanzjali ta' tlett kilos u nofs.
5. Illi l-hati kien gja gie kkundannat ghal reat ta' pussess tal-*cannabis* fl-1983 u minn din l-esperjenza ma tghallem xejn ghaliex mill-pussess umbaghad ghadda ghall-koltivazzjoni tal-istess droga.
6. Illi sal-lum stess irrizulta mix-xhieda prodotta mid-difiza Victoria Scicluna li addirittura, fl-24 ta' Mejju 2005, inqas minn sena wara li kien gie arrestat mill-Pulizija fuq dan il-kaz, kien rega' ttestja posittiv ghall-istess droga *cannabis*.
7. Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet qed titlob il-piena massima f'dan il-kaz.

"Ikkonsidrat

“Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, l-kondotta ta’ qabel tal-hati, l-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, l-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija w sittax-il elf, erba mija u tminja w sittin Ewro u sebgha w sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira.

“Qieset ukoll il-kondotta tal-hati.

“Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li, ghall-fini tal-piena, r-reat taht it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza ghandu jkun assorbit fir-reat taht l-Ewwel Kap, stante li serva bhala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess dak ir-reat u dana skond l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

“Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita` fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita` tar-reat, in kwantu l-kwantita` w purita` tad-droga, ir-recidivita` o meno, il-fedina penali, meta ma jkunx hemm ammissjoni bikrija, w b’mod specjali meta ikun jew ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif inhu f’dal-kaz u dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita` w relativita` f’sentenzi li jirrigwardaw din il-materja.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Anthony Seychell, ipprezentat fit-18 ta’ Marzu 2008, fejn talab li din il-Qorti tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tilqa’ dan l-appell, tirrevoka u thassar is-sejbien u dikjarazzjoni ta’

htija taht it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza skond il-verdett tal-gurati u minflok tiddikjarah hati ta' pussess semplici bhala mezz ghall-fini ta' koltivazzjoni, filwaqt illi tikkonferma s-sejbien ta' htija taht l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza, u tvarjaha wkoll in kwantu ghall-piena nflitta billi taghti piena ekwa u gusta li aktar taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma bazikament is-segwenti: (1) kien hemm irregolarita` serja meta l-analista Godwin Sammut u l-Ispizjar Mario Mifsud bdew jitqiesu mill-ewwel Qorti bhala esperti gudizzjarji u x-xihdiet u r-rapporti taghhom bhala dawk ta' esperti nominati mill-Qorti, minflok ta' xhieda ordinarji, u dan seta' kellu influwenza u effett fuq il-verdett tal-gurati fir-rigward tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza; (2) huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza fir-rigward tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza; (3) subordinatament u minghajr pregudizzju, il-piena nflitta kienet sproporzjonata; (4) ukoll minghajr pregudizzju, l-ewwel Qorti ma qisitx l-ammissjoni tieghu fuq il-pedana tax-xhieda ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza; (5) rigward is-sottomissjoni tad-difiza lill-gurati li dan hu kaz fejn ghandhom jirrakkomandaw il-klemenza, l-Imhallef li ppresjeda l-guri b'mod irregolari qal lill-gurati li f'dik l-eventwalita` kellhom iqumu bil-wieqfa wiehed wiehed u jispjegaw ir-ragunijet li ghalihom kienu qeghdin jirrakkomandaw il-klemenza. Dawn l-aggravji sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*.

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant jirreferi ghax-xiehda u rapport ta' l-analista Godwin Sammut b'referenza ghall-istima li ghamel tad-droga elevata, u ghax-xiehda u rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud b'referenza ghall-kalkolu tan-numru ta' *reefers* jew *sticks* li jistghu jsiru mill-istess droga. Jirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alex Mallia** u jsostni li x-xiehda

ta’ Godwin Sammut u ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud kellha tigi trattata bhala xiehda ta’ xhud ordinarju.
Din il-Qorti tosserva li kwistjoni bhal din kellha tigi ventilata fi stadju differenti tal-process, u cioe` fl-istadju li fih il-partijiet jistghu jressqu l-eccezzjonijiet taghhom. Wara kollox ir-rapporti tal-persuni msemmija kienu diga` gew ipprezentati quddiem il-Qorti Istruttorja u ghalhekk kienu jiffurmaw parti mill-atti tal-kumpilazzjoni.

Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi, filwaqt illi fil-kaz **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Alex Mallia** jirrizulta li l-istess analista Godwin Sammut ma kienx gie nominat mill-Qorti tal-Magistrati sabiex jaghmel stima tad-droga elevata f’dak il-kaz, fil-kaz in ezami s-sitwazzjoni hi kompletament differenti. Difatti permezz ta’ digriet tat-13 ta’ Lulju 2004 il-Qorti tal-Magistrati kienet innominat lill-Ispizjar Mario Mifsud bl-inkarigu specifiku “sabiex jara kemm wiehed seta’ johrog porzjonijiet ghall-uzu mill-*cannabis* li nstabet fid-dar ta’ l-imputat”.[1] L-Ispizjar Mifsud xehed fis-6 ta’ Dicembru 2004 quddiem dik il-Qorti meta wkoll esebixxa r-rapport tieghu li fih iccita diversi sorsi dwar kif il-weraq niexef tal-pjanti tal-cannabis jigu mpejjpa b’forma ta’ sigarett maghruf bhala “joint”.[2] Imbaghad fl-14 ta’ Marzu 2006[3] il-Qorti tal-Magistrati nnominat lil Godwin Sammut sabiex jaghmel valutazzjoni tad-droga mertu tal-kaz. Barra minn hekk fir-rapport tieghu huwa ddikjara li l-istima kienet bazata fuq il-*United Nations World Drug Report 2004* u sahansitra esebixxa kopja tal-pagna rilevanti.[4]

Konsegwentement l-ewwel Qorti ma kellha ebda raguni biex ma tikkunsidrax lil Godwin Sammut u lill-Ispizjar Mario Mifsud bhala esperti gudizzjarji galadarba kienu gew debitament nominati bhala tali. B’hekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

---

1 Ara fol. 25 ta’ l-atti tal-kumpilazzjoni.
2 Ara fol. 127 – 145 *ibidem*.
3 Ara fol. 197 *ibidem*.
4 Ara fol. 207 – 214 *ibidem*.

In sostenn tat-tieni aggravju tieghu fejn l-appellant jghid li gie misjub hati hazin fuq il-fatti l-appellant ghandu diversi lmenti:

"… il-punt li gie l-aktar enfasizzat matul il-kawza, kemm mill-prosekuzzjoni u aktar tard mill-Onorevoli Mhallef matul l-indirizz lill-gurati, kien proprju illi minn 3,416.2 grammi ta' weraq niexef tal-pjanta Cannabis setghu jsiru bejn 3,416 u 6,832 <u>reefers</u> (circa) jew 11,382 <u>sticks</u> (circa) kif hemm imnizzel fir-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud. Ghalhekk, anke f'mohh il-gurati, il-kwantita` ta' <u>reefers</u> jew <u>sticks</u> li ssemmew mill-espert, illi *a sua volta* strah fuq informazzjoni li ma gietx prodotta bhala prova, serviet bhala *'pointer'* jew indikazzjoni krucjali lill-gurati illi d-droga nstabet fi kwantita` li ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' l-esponent. Ma kien hemm l-ebda forma ta' kontroll fuq din l-informazzjoni fornita, li setghet kienet zbaljata, u li tant giet enfasizzata lill-gurati. Fi kliem iehor, provi irregolari u konsegwentement vizzjati tpoggew quddiem il-gurati u thallew jiffurmaw il-bazi tad-deliberazzjoni tal-gurija fir-rigward tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza dwar pussess aggravat.

"… f'dan il-kaz, l-idea illi d-droga kienet intiza sabiex tigi ttraffikata tinsab biss f'mohh il-prosekuzzjoni u mhux fil-verita`. Difatti l-esponent: a) ressaq muntanja ta' provi biex juri l-istat ta' sahha tieghu u l-intervent kirurgiku li ghamel fis-sinsla ta' dahru; b) fetah berah il-kont tal-Bank tieghu; c) gab il-prova tas-salarji tieghu; d) gab biex tixhed lill-persuna li hallsitu Lm1,000 biex flimkien jahdmu kcina; e) ta rendikont shih tal-flus li jippossjedi; f) ressaq provi konkreti li hu qatt ma avvicina lil terzi biex jiddisponi mid-droga, u sahansitra g) stenna r-rizultat ta' l-indagini fuq is-SIM card tat-telefon cellulari tieghi, <u>izda l-ebda prova ma ngiebet 'il quddiem illi hu qatt avvicina lil terzi biex jiddisponi mid-droga!</u>

"… anke meta l-boroz kienu jidhru fir-ritratti tal-Pulizija li kienu <u>miftuhin</u> (per ezempju, ritratt 04BSB – CC60), waqt li l-esponent kien qed jaghti x-xiehda tieghu huwa gie **akkuzat illi gideb taht gurament mill-Onorevoli Mhallef li kien qed jippresjedi, u dan fil-presenza tal-gurati**; u

ma saret l-ebda korrezzjoni ghal din l-istigma ingusta, anke meta aktar tard id-difiza attirat l-attenzjoni tal-Qorti illi l-boroz kienu miftuhin u mhux maghluqin. B'hekk il-hsara u pregudizzju notevoli li gew ikkawzati lilu fil-presenza tal-gurati baqghu ma ssewwewx. Aktar tard, il-prosekuzzjoni kompliet tenfasizza: 'L-Imhallef stess qabdu jigdeb. Mhux hu ghalaqhom?!' Anzi, il-prosekuzzjoni akkuzat lill-esponent li hu traffikant u li kellu l-boroz 'maghluqin' lesti biex jittraffikahom – meta dawn kienu <u>miftuhin</u>, u x'aktarx inghalqu mill-esperti sabiex ikunu jistghu jigu ttrasportati sabiex jigu ppreservati. Minkejja li l-prosekuzzjoni pingietu traffikant, ma ressqet assolutament l-ebda prova illi 'l-maggior parti taghha kienet tigi mibjugha, prokurata u fornuta lil terzi persuni' kif hemm allegat fl-Att ta' l-Akkuza.

"Meta, imbaghad, il-prim gurat talab biex jistaqsi lill-espert ghall-konferma illi l-*cannabis* fil-boroz kienet il-parti ta' fuq nett (tops) tal-pjanti cannabis (li hi l-aktar effikaci ghat-Tetrahydrocannabinol [THC content] li jkun fiha) kif kien iddikjara l-esponent fid-deposizzjoni tieghu 'ghax din tkun iktar konkluzziva li d-droga kienet ghall-uzu tieghu' (kliem il-prim gurat), l-Onorevoli Mhallef ma halliex li jsir dan. B'hekk l-esponent kompla jigi ppregudikat.

"L-indagini akkurata li saret mill-espert Dr. Vincent Galea fir-rigward tal-Banek, Dipartimenti tal-Gvern, Awtoritajiet Pubblici u istituzzjonijiet ohra finanzjarji jew xort'ohra, sabiex dawn jipprovdu kull xorta ta' informazzjoni li jista' jkollhom dwar l-assi ta' l-esponent, forniet prova cara illi l-esponent ma kellu xejn li jindika li huwa qatt ittraffika d-droga.

"… t-Tabib David Cefai gie jixhed minghajr notamenti u qal, erronejament, illi l-ahhar li l-esponent ikkonsultah dwar dahru kien fl-1983. Fil-fatt l-esponent baqa' jikkonsultah regolarment anke wara li l-esponent gie operat fis-sinsla ta' dahru. Huwa waqaf jikkonsultah meta Dr. Cefai nnifsu ghamel operazzjoni serja f'rasu. Sa dak iz-zmien, Dr. Cefai kien anke jinvistah fir-residenza tieghu, gieli anke matul il-lejl u jaghmillu injections u jissomministralu l-kura kontra l-ugiegh – kif stqarr huwa stess meta xehed fil-guri. **Difatti, hemm ir-ricetti fuq il-**

**formoli l-hodor iffirmati, datati u ttimbrati minnu li juru li baqa' jarah sa snin wara**.

"… s-seba' (7) boroz gew murija lill-gurati (f'idejhom) maghluqin, u dan meta fuq il-post instabu miftuhin, kif fil-fatt gew iffotografati; ghaldaqstant, huma komplew jinghataw l-impressjoni (zbaljata) illi l-boroz kienu maghluqin u 'lesti biex jigu ttraffikati'. **Dan hu abbuz li sar mill-provi ghaliex dawn ma ntwerewx lill-gurati fl-istat pristinu taghhom**….

"… kemm l-Onorevoli Mhallef kif ukoll il-prosekuzzjoni ppruvaw igiddbu lill-esponent fir-rigward ta' l-ghasfur li kellu d-dar. Il-fotografu tal-Pulizija ma kellux raguni biex jahseb illi ghasfur go gagga seta' kellu xi importanza u allura ma ffotografahx. Izda l-ghasfur tassew kien hemm u miet xi sena ilu.

"… fl-indirizz saret enfasi qawwija mill-Onorevoli Mhallef sedenti fuq 'il-mod kif id-droga kienet ippakkettjata', li wara ghadda biex staqsa: 'jew dik kienet id-doza ghall-bejgh, ghaliex meta ssir it-transazzjoni ma jkunx hemm hin biex tintizen fit-triq?' Imbaghad, l-Onorevoli Mhallef kompla staqsa: 'kellu ghalfejn joqghod jizinha?' Dan, meta l-Onorevoli Mhallef kien jaf li l-esponent bilfors kellu jizinha biex jiehu d-doza ta' kuljum sabiex ma jihux iz-zejjed, kif fil-fatt xehed l-esponent….

"Dawn il-punti juru li fil-guri kien hemm fatturi li bihom gie ppregudikat ingustament fir-rigward tat-Tieni Kap. Barra minn hekk, id-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat; izda hawnhekk gara l-oppost, u dan minkejja li l-prosekuzzjoni ma kellha l-ebda prova 'li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu'. Ingabu 'l quddiem <u>suppozizzjonijiet</u> biss, ibbazati fuq l-uzu ta' mizien zghir antik tal-'cakes' biex l-esponent ma jeccedix id-doza tieghu ta' kuljum."

Din il-Qorti sejra tikkummenta l-ewwelnett dwar l-incident fejn l-appellant semma li l-Imhallef li ppresjeda l-guri akkuzah li kien qieghed jigdeb fil-prezenza tal-gurati. Dan l-incident sehh wara li waqt il-kontro-ezami l-prosekutur, l-

avukata Dott. Nadine Sant, saqsiet lill-appellant ghalfejn kien hemm borza tal-plastic issigillata lesta biex jghaddiha lin-nies. L-appellant wiegeb li l-boroz ma kinux issigillati. Il-Qorti ordnat li jinfetah l-esebit u li l-boroz jintwerew lill-gurati l-ewwel “halli jarawhom f’idejhom, kollha”. Il-boroz in kwistjoni evidentement kienu ssigillati u l-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-guri indirizza lill-gurati u qal: “Id-domanda kienet ghaliex qeghdin issigillati. Araw jekk kinux issigillati, sinjuri gurati. Arawhom intom.” Imbaghad ix-xiehda ta’ l-appellant kompliet kif gej:

“Xhud: Sur Imhallef ….

Qorti: Le, oqghod kwiet bizzejjed, hadd mhu qed isaqsik xejn ghalissa. Issa ssaqsik il-Qorti. Issa tihom kollha lill-akkuzat, quddiemu fuq il-pedana. Inti ghadek kif ghidt bil-gurament li ma kinux issigillati dawk.

Xhud: Iva.

Qorti: Arahom kollha u ghidli jekk hemm xi wiehed issigillat jew mhux issigillat. Ghidli int.

Xhud: Issigillati, ehe, imma ….

Qorti: Mela ghaliex gdibt hames minuti ilu, ghidtilna li mhux issigillati?

Xhud: Le, Sur Imhallef, jekk intom taqalghu r-ritratti tal-kaxxa numru 13 u taraw il-kaxxa, dak ic-cistun li kien hemm, jekk intom taraw il-boroz ma kien hemm l-ebda tape. Jien dawk ma kinux issigillati ghandi.

Qorti: Jigifieri qed tghid li ssigillahom haddiehor dawk?

Xhud: U anke fir-ritratt, Sur Imhallef, ma jidhirx tape.

Qorti: Hallik mir-ritratt.

Xhud: Sur Imhallef, jien ….

Qorti: Int qed tghidli li ssigillahom haddiehor dawn.

Xhud: Ehe, hekk qed nghid. Jien ma ssigillajthomx u fir-ritratt jidhru li mhumiex issigillati bit-tape, Sur Imhallef. Nahlef fuq l-eghziez tieghi. Jigifieri ma kinux issigillati. Fir-ritratt ghandhom jigu jidhru.

Qorti: Kollox sew.

Xhud: Jien ma ssigillajthomx.”

L-appellant ghandu ragun jilmenta mill-fatt li gie akkuzat illi gideb mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fil-prezenza tal-gurati peress illi t-terminologija uzata ma kinitx certament wahda felici bir-riskju li tali akkuza tista’ tibqa’ tidwi f’mohh

il-gurati. Kull ma kellu jsir f'dak il-mument kien illi, bhalma l-Imhallef ordna li jinfetah il-pakkett li kien jikkontjeni s-seba' boroz *cannabis* (pakkett li kien diga` nfetah precedentement) seta' facilment jordna wkoll il-produzzjoni mill-gdid tar-ritratti mehudin fir-residenza ta' l-appellant fejn jidhru l-istess boroz (almenu dawk li jidhru fil-wicc) mhux issigillati[5]. Id-diskrepanza kienet ovvjament dovuta ghall-fatt li haddiehor – possibilment l-analista Godwin Sammut – kien issigillahom. Kieku f'dak il-waqt gie prodott mill-gdid l-imsemmi analista, kien jigi ccarat kollox minghajr il-htiega li jsiru akkuzi diretti – kif saret mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.

Din il-Qorti tixtieq tenfasizza li meta jkun qed jixhed l-akkuzat, l-interventi mill-Qorti ghandhom ikunu, bhala regola, minimi, u limitati ghalbiex jigu ccarati punti ta' fatt li, fil-kors tal-ezami jew kontro-ezami, jistghu ma jkunux cari. Ghandu jigi evitat kwalsiasi lingwagg, jew mistoqsija jew kumment li jistghu jaghtu l-impressjoni dak il-hin li l-Qorti, fil-persuna ta' l-Imhallef, qed tghaddi gudizzju fuq il-fatti. Dan qed jinghad mhux ghax l-Imhallef m'ghandux dritt jikkummenta dwar il-fatti – diversi sentenzi ta' din il-Qorti u tal-qrati Inglizi qalu li dan jista' jsir fl-indirizz basta li l-Imhallef jaghmilha cara lill-gurati li huma b'ebda mod ma huma marbuta bil-kummenti tieghu[6] – imma ghax l-akkuzat, meta jiehu l-pedana tax-xhieda, ikun qed jezercita d-dritt tieghu li jiddefendi lilu nnifsu u m'ghandux ikun imfixkel, anke jekk forsi involontarjament, mill-Qorti milli jesponi d-difiza tieghu kif irid hu.[7] Il-Qorti taghmilha

[5] Ara ritratti 04BSB-CC55, 04BSB-CC59 u 04BSB-CC60 tal-kannestru bin-numru 13 fil-faxxikolu fotografiku Dok. CCB.

[6] Ara, per ezempju, is-segwenti appelli kriminali fejn saret ukoll referenza ghal kazijiet Inglizi: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**, 8 ta' Gunju 2006; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Falzon**, 22 ta' Settembru 2006; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Melchior Spiteri**, 28 ta' Frar 2008.

[7] Dwar il-kondotta ta' l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi guri, Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid: **"The English criminal trial is adversarial, which means that the parties determine the evidence to be called and the manner and timing of its presentation. The self-interest of the parties, so the theory goes, will ensure that all issues of law and fact are thoroughly aired. If taken to its logical conclusion this principle reduces the role of the judge to that of an umpire – someone whose job it is to see that the rules are obeyed but who takes**

**no direct part. But theory and practice do not entirely coalesce and criminal judges are not, as the Supreme Court of Canada once put it, 'sphinx judges'. A trial is more than a contest between two parties. There is a public interest in seeing that justice is done and since the parties may be unevenly matched the judge may have to involve himself in the trial to ensure that the truth emerges. So long as he acts fairly and preserves an appearance of impartiality he will not be criticized for taking a relatively active stance.**

**One of the ways in which the judge may participate in the trial is by questioning witnesses. This is an example *par excellence* of the exercise of discretion during a criminal trial … in *R. v. Evans* Lord Justice Scarman affirmed that although 'our system is accusatorial and it is not the part of a Judge to run the case for the Crown or to run the case for the defence but to keep himself apart from the arena in which battle is joined, yet he does have a duty to ensure that justice is done and, if he thinks that justice requires him to put questions, then he has the right and the duty to intervene."**

U f'Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2006, para. 7-81, pagna 1047, naqraw:

**"Interventions by the judge during a trial will lead to the quashing of a conviction: (a) when they have invited the jury to disbelieve the evidence for the defence in such strong terms that the mischief cannot be cured by the common formula in the summing up that the facts are for the jury, and that they may disregard anything said on the facts by the judge with which they do not agree; (b) when they have made it impossible for defending counsel to do his duty; (c) when they have effectively prevented the defendant or a witness for the defence from telling his story in his own way: *R. v. Hulusi and Purvis,* 58 Cr.App.R. 378, CA; see also *R. v. Frixou* [1988] Crim.L.R. 352, CA, and *R. v. Roncoli* [1998] Crim.L.R. 584, CA…. In *R. v. Matthews and Matthews,* 78 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal said that in considering the effect of interventions made by the trial judge the critical aspect of the investigation was the quality of the interventions as they related to the attitude of the judge as might be observed by the jury and the effect that the interventions had either on the orderly, proper and lucid deployment of the defendant's case by his advocate or on the efficiency of the attack to be made on the defendant's behalf on vital prosecution witnesses by cross-examination administered by his advocate on his behalf. Ultimately the question was: might the case for the defendant as presented to the jury over the trial as a whole, including the adducing and testing of evidence, the submissions of counsel and the summing up of the judge, be such that the jury's verdict might be unsafe?"**

– jekk kinux maghluqa o meno – sehhet xi irregolarita` li seta' kellha influwenza fuq il-verdett. Kif ser naraw il-provi kienu tali li l-gurati setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghall-verdett li waslu ghalih fir-rigward tat-tieni kap. Fi kliem iehor, anke li kieku, ghall-grazzja tal-argument, din il-Qorti kellha tghid li dan l-incident kien jammonta ghal irregolarita` li seta' kellha influwenza fuq il-verdett, din il-Qorti hi tal-fehma, tenut kont tal-provi, illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja (art. 501(1) *proviso* tal-Kap. 9).

L-appellant pero` jkompli jilmenta li ma saret l-ebda korrezzjoni "ghal din l-istigma ingusta, anke meta aktar tard id-difiza attirat l-attenzjoni tal-Qorti illi l-boroz kienu miftuhin u mhux maghluqin. B'hekk il-hsara u pregudizzju notevoli li gew ikkawzati lilu fil-presenza tal-gurati baqghu ma ssewwewx. Aktar tard, il-prosekuzzjoni kompliet tenfasizza: 'L-Imhallef stess qabdu jigdeb. Mhux hu ghalaqhom?!'"

Hawn irid jinghad li l-appellant mhuwiex korrett meta jghid li ma saret ebda korrezzjoni, ossia li l-hsara ma ssewwietx.

Hekk, waqt ir-replika taghha l-prosekutrici attakkat il-kredibilita` ta' l-appellant u qalet "Rajna qabel, l-Imhallef stess qabbdu jigdeb meta qallu: il-boroz issigillati jew le?" Izda minnufih l-Imhallef li kien qieghed jippresjedi l-guri waqqafha u qal:

"Le, le, le, le. Stenna. L-Imhallef ghamillu d-domandi u naturalment imbaghad hu wiegeb kif wiegeb. Issa naraw meta nkunu qed naghmlu s-*summing-up*. L-Imhallef ma jaqbdu xejn jigdeb ghax l-Imhallef mhux se jiddeciedi xejn. Daka l-gurati jridu jiddeciduh. L-Imhallef ghamillu d-domandi kif dehrlu li ghandu jaghmillu. U fejn kien hemm xi affarijiet li riedu jigu ccarati ghax forsi ma kienx qed jghid l-istess haga jew inkella li l-Qorti fehmet hekk, saqsieh id-domandi pero` inti ma tistax tghid li l-Imhallef qabdu jigdeb. L-Imhallef seta' gibidlu l-attenzjoni tieghu ghal forsi xi inkonsistenza jew talbu jispjega xi inkonsistenza apparenti. Issa mbaghad inti ghandek id-

dritt tghid hemmhekk meta kien qed iwiegeb ma kienx qed jghid il-verita` jew kien qed jghid il-verita`. Imma ma tistax tghid li l-Imhallef qabdu jigdeb. Kompli."

Sfortunatament il-prosekutrici kompliet bil-linja li kienet hadet li l-boroz kienu ssigillati. Pero` mbaghad fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri beda mill-ewwel billi ghamel din it-twissija lill-gurati:

"Mela, ghidt x'ghidt jien waqt il-guri, staqsejt xi staqsejt jien lid-diversi xhieda waqt il-guri u l-mod li bih staqsejt. Nghid x'nghid issa waqt dan l-indirizz li jirrigwarda l-fatti u l-apprezzament taghhom, lilkom ma jorbotkomx bl-ebda mod. U jkun hazin jekk intom iddahhlu f'raskom, tghidu: 'Imma ara l-Imhallef meta staqsieh xi haga lil dak, urieh li mhux qed jemmnu bil-mod li saqsieh. Mela jiena lanqas jien mhu se nemmnu.' Jekk taghmlu hekk tkunu qed taghmlu hazin. Ghax inti trid temmen jew ma temminx xhud, mhux fuq dak li jemmen l-Imhallef ghax l-Imhallef mhux ix-xoghol tieghu hawn li jemmen lix-xhieda. Ghandu xoghol iehor f'dan il-guri. Dak huwa x-xoghol esklussivament taghkom u ma tistghux taharbu minnha dik ir-responsabbilta` billi tfarfarha fuq dak li intom tahsbu li qed jahseb l-Imhallef. Dina importanti hafna. Mela nerga' nghidilkom, kull ma nghid jiena fuq il-fatti fuq dan il-guri lilkom ma jobortkom bl-ebda mod u dana jinkludi mhux dak biss li se nghid issa f'dan l-indirizz imma dak li jiena ghidt waqt l-andament tal-guri hawnhekk. Kif tafu kemm jien kif ukoll intom kellna d-dritt li naghmlu d-domandi lix-xhieda apparti l-avukati, naturalment u kull wiehed minnha ghandu d-dritt li jaghmel id-domanda bi stil li jrid hu, bi stil li jaf hu. Hawn min ghandu stil jaqta' iktar minn ta' haddiehor forsi. Imma dak lilkom ma ghandu jinfluwenzakom b'ebda mod in kwantu gej minghandi. U ma tistghux tistriehu fuqu u sserhu l-kuxjenza fuqu. U dina importanti li nibda nghidha fil-bidu nett. Intom l-Imhallfin tal-fatt."[8]

Barra minn hekk, meta kien qieghed jghaddi in rassenja x-xiehda, u specifikatament dik ta' l-appellant fir-rigward ta'

---

[8] Pagna 1 – 2 tat-traskrizzjoni ta' l-indirizz.

dak li kkontenda l-appellant li l-boroz tal-*cannabis* ma kinux issigillati, l-Imhallef qal hekk fl-indirizz tieghu[9]:

“Hawnhekk ordnajt jiena li jingiebu l-boroz, rajtuhom dawn il-boroz li huma ssigillati. Hemm ir-ritratti, arawhom sew ir-ritratti fuq il-boroz li donnhom jidhru li huma miftuhin. Issa kinux miftuhin il-hin kollu u mbaghad issigillawhom l-esperti biex ma johrogx minnhom jew kienu maghluqin, fethuhom ghar-ritratt – pero` qalulna li ma missew xejn qabel ma hadu r-ritratti. Jigifieri jekk ma missew xejn qabel ma hadu r-ritratti, jista’ jaghti l-kaz sew li kienu miftuhin, kif jidhru fir-ritratti u mhux kif qed narawhom illum. Dik issa kwistjoni ta’ fatt, araw xi provi ngabu fl-istat li kienu dak in-nhar. Li smajna minghandhom dawk ix-xhieda kollha li huma ma missew xejn qabel ma hadu r-ritratti.”

Ghalhekk jidher li l-ewwel Qorti ghamlet li setghet biex “issewwi” l-iskorrettezza inizjali u, jekk mill-provi kollha setghet tirrizulta lill-gurati l-htija taht it-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza, ma jistax jinghad li l-appellant sofra pregudizzju minhabba dan l-episodju.

Dwar l-ilment ta’ l-appellant li sar abbuz mill-provi meta l-boroz imsemmija ntwerew lill-gurati, f’idejhom, maghluqin u mhux fl-istat pristinu taghhom, irid jinghad illi l-gurati raw u kellhom ghad-disposizzjoni taghhom r-ritratti kollha li ttiehdu fir-residenza ta’ l-appellant, liema ritratti kienu jinkludu wkoll dawk tal-kannestru bil-boroz msemmija. Barra minn hekk issir referenza ghall-bran ta’ l-indirizz ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri appena citat.

L-appellant jilmenta wkoll dwar l-enfazi li saret fl-indirizz dwar in-numru ta’ *reefers* u *sticks* li setghu jsiru a bazi ta’ provi irregolari. Izda l-appellant m’ghandux ragun meta jghid illi l-provi kienu rregolari peress illi, kif diga` gie deciz aktar ‘il fuq, Godwin Sammut u l-Ispizjar Mario Mifsud kienu nominati bhala esperti gudizzjarji, u l-prova minnhom maghmula kienet prova regolari.

9 Pagna 36 *ibidem*.

L-appellant jilmenta wkoll illi fl-indirizz saret enfazi qawwija dwar kif kienet ippakkettjata d-droga, u jilmenta mill-mistoqsija tal-Qorti jekk dik kinitx id-doza ghall-bejgh ghaliex meta ssir transazzjoni ma jkunx hemm hin biex tintizen fit-triq. Jilmenta dwar kif fl-indirizz l-Imhallef saqsa jekk kellux ghalfejn l-appellant joqghod jizinha d-droga, meta l-Imhallef kien jaf li bil-fors kellu jizinha biex jiehu d-doza ta’ kuljum sabiex ma jihux iz-zejjed.

Dak li qed jilmenta minnu l-appellant intqal waqt l-indirizz fil-kuntest ta’ spjegazzjoni li kien qieghed jaghmel l-Imhallef li ppresjeda l-guri ta’ certi kriterji li jadottaw il-Qrati biex jigi determinat jekk il-pussess ta’ droga ikunx wiehed “semplici” jew inkella “aggravat”. Huwa facli li jigu kkritikati siltiet u frazijiet ta’ indirizz, izda, apparti li dawn iridu jigu kkunsidrati fil-kuntest taghhom, <u>l-indirizz ghandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu</u>.

Din il-Qorti ezaminat l-indirizz u huwa evidenti li l-ewwel Qorti ma eskludiet bl-ebda mod il-liberta` ta’ razjocinju tal-gurati. Enfasizzat diversi drabi li kienu l-gurati li kellhom jiddeciedu fuq il-fatti, li l-fatti huma dawk li jaccettaw huma u mhux li qalulhom il-prosekuzzjoni jew id-difiza jew l-istess Qorti, u li kellhom jaslu ghad-decizjoni taghhom a bazi ta’ konsiderazzjoni tal-provi fl-assjem taghhom. Spjegatilhom il-principji kollha applikabbli, fosthom kif il-piz tal-prova qieghed fuq il-prosekuzzjoni, il-prezunzjoni ta’ l-innocenza ta’ l-akkuzat, il-grad ta’ prova li jrid jintlahaq mill-prosekuzzjoni u dak li jrid jintlahaq mill-akkuzat. Inoltre kienet cara fl-ispjegazzjoni tat-tezi tal-prosekuzzjoni u dik tad-difiza. Pero`, kif qal Simon Brown, L.J. f’*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f’**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2006**, para. 4-376 p. 495:

**“Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in**

**his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-indirizz mehud fit-totalita` tieghu qieghed lill-gurati fl-ahjar posizzjoni possibbli sabiex setghu jaqdu tali funzjoni skond il-ligi. Ghalhekk il-kummenti jew mistoqsijiet li ghamel l-Imhallef li ppresjeda l-guri u li dwarhom l-appellant ilmenta setghu jsiru.

Dwar l-ilment ta' l-appellant ghal dak li gie dikjarat fl-att ta' akkuza li "L-akkuzat kien jaghmel uzu minn ammonti zghar minn din id-droga, <u>izda l-maggior parti taghha kienet tigi mibjugha, prokurata u fornuta lil terzi persuni</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti), l-appellant jghid li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ta' traffikar u kienet biss strategija tal-prosekuzzjoni sabiex tpingieh bhala traffikant meta ma kienx.

Pero` l-appellant ma giex akkuzat bi traffikar u bhalma spjega l-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu, "il-fatt li ma jkunx hemm xi haga preciza fl-ewwel *paragraph* fejn hemm l-istorja ghax ikun hemm jew xi nieqes jew xi zejjed jew per ezempju numru ta' karozza zbaljat, jew hin zbaljat jew inkella zied xi naqra d-doza l-Avukat Generali u vvinta xi haga li mbaghad hawnhekk ma tirrizultax. Dment li qed

nitkellmu fuq l-istess reat ma hemm xejn li se jwaqqa' l-att ta' l-akkuza."[10] U aktar 'il quddiem b'mod aktar specifiku[11]:

"u ghidtilkom hemm il-parti tal-bidu li hija l-istorja, kif jifhimha l-Avukat Generali, kultant jifhimha xi naqra hazin ukoll jew inkella jesagera jew inaqqas. Ezempju ta' dan per ezempju fit-tieni kap hemm fejn qalilkom tajjeb l-avukat difensur, fejn qal li hafna minn din id-droga kienet tigi traffikata u fornuta u mibjugha lil terzi. Ma rrizulta xejn minn dan kollu. Jigifieri min kitibha dik, mhux l-avukata, kitibha jew bi zball jew ghax hadha *cut and paste* minn x'imkien iehor ghax dawn ikollhom hafna bhalhom u tefaghha hemm. Imma fil-fatt veru, ma rrizulta xejn minn dan kollu." (sottolinear ta' din il-Qorti)

L-Imhallef li ppresjeda l-guri ma setax ikun car aktar minn hekk fl-ispjegazzjoni lill-gurati biex huma jinjoraw ghal kollox dak il-kliem li minnu lmenta l-appellant.

Punt iehor li minhabba fih l-appellant jghid li sofra pregudizzju huwa li l-Imhallef li ppresjeda l-guri, meta l-appellant ikkonkluda x-xiehda tieghu u bdew isiru domandi mill-gurati, saret talba mill-prim gurat biex isaqsi lill-analista Godwin Sammut ghal konferma li l-*cannabis* fil-boroz kienet tal-parti ta' fuq tal-pjanti kif kien xehed l-appellant u din it-talba ma ntlaqghetx mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.

Jirrizulta li t-talba giet michuda wara li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kkonsidra li l-appellant kien xehed, li t-talba kienet ghal evidenza addizzjonali, li kellu jghid l-espert Godwin Sammut qalu fir-relazzjoni u li din ma kinitx kwistjoni ta' konfront, "u jiena riluttanti hafna sakemm ma jkunx cirkostanzi ta' konfront, illi ndahhal xhieda godda tal-prosekuzzjoni wara li jispicca l-akkuzat."

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha. Wara kollox, jekk il-linja tad-difiza kienet, bhalma xehed l-appellant, illi kien qieghed ikabbar il-

[10] Pagni 14 – 15 *ibidem*.
[11] Pagna 25 *ibidem*.

*cannabis* ghall-uzu tieghu personali u li huwa kien juza biss il-partijiet ta’ fuq tal-pjanta, id-domanda setghet facilment saret mid-difiza lill-analista Godwin Sammut waqt il-kontro-ezami tieghu, apparti li dan seta’ gie wkoll indikat bhala xhud in difesa.

Dwar ix-xiehda tat-Tabib David Cefai, ix-xiehda hi dik li hi. Dan kien xhud prodott mid-difiza stess. Ir-ricetti fuq il-formoli hodor li ghalihom jirreferi l-appellant fir-rikors ta’ appell mhumiex esebiti in atti u ghalhekk ma jikkostitwixxu l-ebda prova.

Xi punti ohra sollevati mill-appellant jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta’ revizjoni u, in ezekuzzjoni ta’ din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi d-deposizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Qorti Istruttorja u d-dokumenti esibiti, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f’dawn il-proceduri, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta’ l-appellant fir-rigward ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu taht it-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti - u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss u xejn iktar - hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b’taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legalment u ragjonevolment, jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legalment jew ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-

process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat[12].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

---

[12] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda u d-dokumenti esibiti, ezaminat ukoll l-atti kollha tal-kumpilazzjoni, hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Il-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod

partikolari ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, ikkonkludew li l-appellant kien hati wkoll tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza (peress illi ammetta l-ewwel kap).

2. It-tieni kap jirrigwarda l-akkuza ta' pussess "aggravat", ossia pussess ta' droga – f'dan il-kaz ta' *cannabis sativa* – taht cirkostanzi li juru li dan ma kienx ghall-uzu esklussiv ta' l-appellant. L-appellant insista illi kien qieghed ikabbarha ghall-uzu personali tieghu minhabba li, nonostante intervent kirurgiku f'dahru[13], huwa baqa' jsofri minn ugigh f'dahru u sab solljev bit-tipjip tal-cannabis. Skond l-appellant huwa beda jkabbarha wara li zerriegha li kienet ma' xi ikel ta' ghasfur li kellu waqghet accidentalment go qasrija, nibtet, kabbar il-pjanta u minn zerriegha li ffurmat rega' nissel pjanti ohra. L-appellant jghid li l-prosekuzzjoni ma gabitx imqar prova wahda li hu qatt biegh jew ta xi parti minn din id-droga lil haddiehor, u inoltre li l-provi dwar l-assi tieghu juru li mhuwiex traffikant. Jghid ukoll illi ma ngabet l-ebda prova dwar il-kontenut tas-SIM card tal-*mobile phone* tieghu.

3. Din il-Qorti tqis verosimili li wara l-intervent kirurgiku li l-appellant ghamel huwa xorta baqa' jsofri minn ugigh f'dahru. L-esperti Godwin Sammut u l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonfermaw li doza terapewtika ta' *cannabis* tista' tnehhi l-ugigh izda li l-eccess jista' jikkawza l-ugigh. Mhuwiex inverosimili li xi zerriegha tal-cannabis li tkun ma' ikel ta' l-ghasafar u li suppost tkun sterilizzata, fil-fatt ma tkunx giet sterilizzata korrettement u jekk tinzera' tista' tinbet. Dan qed jinghad peress illi gew kazijiet a konjizzjoni tal-Qorti fejn gara proprju hekk. Huwa wkoll minnu li ma ngabux provi li l-appellant biegh jew ikkonsenja lil xi hadd mill-*cannabis* li kellu fil-pussess

[13] Ara f'dar-rigward ix-xiehda tat-tabib Dott. David Cefai u tal-kirurgu Mr. Antoine Zrinzo.

tieghu. Inoltre l-entita` ta' l-assi mhux necessarjament twassal ghall-konkluzjoni li persuna tkun qed tittraffika d-droga. Mill-fatt li ma saret l-ebda prova dwar il-kontenut tas-SIM card ma tista' tingibed l-ebda konkluzjoni.

4. Mill-banda l-ohra l-gurati kellhom ukoll quddiemhom dawn il-provi:

- Weraq niexef tal-pjanta cannabis sativa fl-ammont totali ta' 3416.2 grammi. Parti minn dawn il-weraq kienu diga` maqtughin u kienu jinsabu mxerrdin mad-dar f'diversi kontenituri u boroz tal-plastik – biswit il-garigor, fil-kcina u fil-kamra ta' fuq – parti kienu xtieli li kienu qeghdin jitnixxfu fl-istess kamra ta' fuq u ohrajn, uhud zghar u ohrajn kbar, kienu ghadhom qed jikbru fil-qsari fuq il-bejt. F'dan ir-rigward issir referenza ghar-rapport dettaljat ta' l-analista Godwin Sammut fejn hemm deskrizzjonijiet ta' dak li nsab, kif ukoll ghall-faxxikolu fotografiku Dok. CCB kontenenti ritratti li juri fejn u kif instabet il-cannabis.

- L-Ispettur Norbert Ciappara ddeskriva dak li ra fir-residenza ta' l-appellant bhala *"a three generation operation"*, haxixa mnixxfa, haxixa mxettla u haxixa li qed tigi mxettla.

- Fil-kamra msemmija ta' fuq, l-appellant kien rama tinda ta' l-injam bil-foil minn taht u zewg floodlights, armar li seta' jippermetti t-tkabbir tal-pjanti bil-lejl[14].

- L-appellant xehed li kien ipejjep mas-sitt *joints* kuljum, tnejn filghodu, tnejn meta jigi mix-xoghol u tnejn filghaxija.[15] Jghid li l-Pulizija ma sabux *roaches* "ghax forsi kont armejthom ghax jien bniedem li kull dejjem innehhi l-affarijiet."[16] Jghid li l-kcina jzommha nadifa[17], li l-Pulizija ma fittxewx fid-*dustbin*[18], u li appena tpejjipha l-haxixa "tarmiha dak il-hin, l-*ashtray* tbattlu kuljum"[19]. L-unika evidenza li nstabet li l-appellant seta' kien ipejjep il-haxixa

---

[14] Ara ritratti 04BSB-CC68 sa 04BSB-CC70 fil-faxxikolu fotografiku Dok. CCB.
[15] Pagna 93 tax-xiehda traskritta.
[16] Pagna 111 *ibidem*.
[17] Pagna 98 *ibidem*.
[18] Pagna 112 *ibidem*.
[19] Pagna 113 *ibidem*.

kien pakkett *cigarette papers* Special Extra-FEINE BLATTCHEN izda ma nstabux *roaches*. L-appellant jissuggerixxi li kien battal l-*ashtray* u ghalhekk l-uniku post fejn seta' kien hemm xi *roaches* kien id-*dustbin*. Pero`, apparti li mir-ritratti 04BSB-CC10 u 04BSB-CC13 ma tantx jidher li l-kcina kienet tithalla libera minn *clutter*, fuq il-mejda tal-kcina jidher *ashtray* li ma kienx mbattal (ritratti 04BSB-CC10, 04BSB-CC11, 04BSB-CC21 u 04BSB-CC25) u kieku dan kien jikkontjeni xi haga rilevanti ghall-investigazzjoni – per ezempju *roaches*, partikolarment meta suppost kien diga` pejjep tnejn qabel ma hareg ghax-xoghol – certament kien jigi elevat mill-Pulizija.

- L-appellant jghid illi l-*joints* li kien jaghmel kienu jikkontjenu haxixa biss u li kien juza l-parti ta' fuq biss. L-Ispizjar Mario Mifsud xehed illi minn 3416.2 grammi weraq jistghu jsiru bejn 3416 u 6832 *reefers*, cioe` *joints* bil-haxixa biss.

- Dwar iz-zerriegha tal-*cannabis* – u hawn jinghad mill-ewwel illi dik li nstabet fil-kcina f'diversi kontenituri, minn ezami li ghamel Godwin Sammut ghall-prezenza ta' germinazzjoni fuq kampjuni mehudin *at random* dan irrizulta fin-negattiv – ghal xi raguni l-appellant jikkontradici lilu nnifsu. L-ewwel jghid li jarmiha mbaghad li gieli jarmi imma jigborha kollha f'daqqa u jarmi kollox f'daqqa, imbaghad li jekk tarmiha fiz-zibel jista' jsibha xi hadd bhalma anke l-haxixa jista' jsibha xi hadd, imbaghad li jew jarmiha jew jahraqha, imbaghad li jew tghaffigha jew tif*lush*jaha imma mhux tarmiha fid-*dustbin*.

- L-appellant jghid li kien juza l-parti ta' fuq biss tal-pjanta u l-weraq ma kienx jaghti kazu tant li nstab mormi ma' l-art fil-kamra ta' fuq.[20] Din il-Qorti ma tistax ma tosservax kif il-weraq li kien ma' l-art, u li l-Ispettur Ciappara spjega li kines hu stess biex ma jkunx hemm *contamination* ta' partijiet ohra tad-dar mill-investigaturi stess, kien ammont negligibbli kif jidher mir-ritratt 04BSB-CC44. Il-bqija tal-cannabis niexef kien jinsab migbur go diversi boroz tal-plastik, kaxex tal-kartun u xkora tal-

[20] Pagna 115 *ibidem*.

kartun. Difatti l-evidenza tindika illi l-appellant kien qieghed jaqta' u jerfa l-weraq kollha minn maz-zkuk.

- Fost id-diversi boroz kien hemm seba' boroz tal-plastik trasparenti fil-kamra ta' fuq li kienu jinsabu go kannestru – ritratti 04BSB-CC59 u 04BSB-CC60 – li kienu jikkontjenu madwar *ounce* ta' cannabis f'kull borza. Fl-istess kamra nstab mizien li kellu fuqu piz ta' *one ounce* – ritratt 04BSB-CC56 – li kien jindika evidentement li l-appellant kien qieghed iqassam il-cannabis li jikkoltiva f'boroz ta' *one ounce*. Skond l-appellant kien iqassamhom b'dak il-mod peress illi kien juza *one ounce* fil-gimgha u biex b'hekk ma jpejjipx aktar milli jmissu. Mill-banda l-ohra l-Ispettur Norbert Ciappara spjega li l-haxixa normalment tinbiegh fit-triq bl-*ounce*. Ghalhekk il-gurati setghu logikament isaqsu: Galadarba l-appellant kellu din il-produzzjoni kollha, kien hemm verament gustifikazzjoni biex joqghod iqassam il-cannabis, anke jekk biss dak li jghid hu l-parti ta' fuq, f'boroz ta' *one ounce*? Wara kollox, jekk hu kien qieghed juza sitt *joints* kuljum, x'avarija seta' jkun hemm fil-kwantita` uzata bejn *joint* u iehor?

5. Fid-dawl ta' dan kollu l-gurati, u wara li raw li l-appellant kellu certa sistema organizzata, u li ma kien hemm xejn x'jindika li d-droga, ossia parti sostanzjali minnha, kienet qed tithejja sabiex tintrema jew tinharaq, setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu li d-droga in kwistjoni ma kinitx fil-pussess ta' l-appellant ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant it-tieni aggravju qieghed jigi michud ukoll.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jirreferi ghall-piena moghtija fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alex Mallia**[21] fejn l-imsemmi Mallia kellu 2.4 kg raza tal-*cannabis* bi *street value* ta' Lm8,000 u ghar-reat ta' pussess aggravat flimkien mar-reati ta' attakk u rezistenza, hsara volontarja fuq vettura tal-Pulizija u sewqan b'manjera perikoluza gie kkundannat disa' snin prigunerija u multa ta' 24,000 euro, mentri l-appellant li

[21] Deciza mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' Frar 2008 u kkonfermata minn din il-Qorti fid-19 ta' Gunju 2008.

kellu kwazi 3.5 kg *cannabis* bi *street value* ta' Lm3,000 gie kkundannat tnax-il sena prigunerija u 25,000 euro. Din id-disparita` tohloq certu sens ta' aggravju fl-appellant. Inoltre l-appellant jghid li kien hemm qbil li r-reat taht it-tieni kap serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht l-ewwel kap. L-appellant jirreferi wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ahmed Esawi Mohamed Fakri** moghtija minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru 2004 fejn il-kaz kien ta' importazzjoni ta' eroina u l-piena kienet ta' hdax-il sena prigunerija u multa ta' Lm18,000.

L-appellant jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-ammissjoni tieghu fuq il-pedana tax-xhieda ta' l-ewwel kap. Fil-fatt, jghid l-appellant, kien kostrett jikkontesta l-att ta' akkuza unikament minhabba l-addebitu ta' l-aggravju fit-tieni kap li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-ammissjoni tieghu dwar l-ewwel kap iffranka hafna xoghol lill-gurati. Mill-banda l-ohra Alex Mallia[22] kien ibbenefika minn tnaqqis fil-piena minhabba l-ammissjoni tieghu.

L-apellant jghid ukoll illi fl-istadju tal-fissazzjoni tal-piena l-ewwel Qorti qalet li ma kinitx se taghti konsiderazzjoni ghal dak li qalu l-psikologa Dr. Sandra Darmanin u ohrajn mill-Agenzija SEDQA. Barra minn hekk josserva li l-gurati ma kinux unanimi fis-sejbien ta' htija dwar it-tieni kap.

Issa, kwantu ghall-kwistjoni ta' disparita` bejn is-sentenza appellata u s-sentenzi l-ohra citati mill-appellant, filwaqt li bhalma solitament jinghad paraguni huma odjuzi – difatti c-cirkostanzi fil-kazijiet citati kienu ghal kollox differenti – bhalma ntqal f'*R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A. dwar il-kwistjoni ta' disparita` f'sentenzi[23]:

**"The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant."**

---

[22] *Ibidem*.
[23] Archbold *Criminal Pleading, Evidence and Practice,* 2001 (para. 5-174, p. 571).

Difatti:

**"The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders <u>involved in the same case</u>, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."** [24] (sottolinear ta' din il-Qorti)

Kwantu ghall-kwistjoni ta' l-ammissjoni ta' l-appellant, jinghad l-ewwelnett illi l-appellant ma ammettiex fi stadju bikri tal-proceduri u ammetta biss ghall-ewwel kap, cioe` ghar-reat ta' kultivazzjoni, u ghal-pussess "semplici" meta kien qieghed jixhed. Fi kwalunkwe kaz anke ammissjoni bikrija, mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. Inoltre, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti stabbiliti mill-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eccessiva jew le. <u>Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.</u> F'dan il-kaz, galadarba l-appellant baqa' jikkontesta l-pussess "aggravat", ma kien hemm l-ebda alternattiva hlief li jinstema l-guri. Ma jistax konsegwentement jippretendi xi beneficcju addizzjonali ghall-ammissjonijiet li ghamel fuq il-pedana tax-xhieda.

---

[24] It-test f'Fawcett hu f'dan is-sens: "Would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?" (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett,* 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.)."

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlitha cara li ma kinitx se taghti konsiderazzjoni ghal dak li kellhom x'jghidu Dr. Sandra Darmanin u r-rapprezentanti tas-SEDQA. Id-difiza pproduciet lill-psikologa Dr. Sandra Darmanin wara li kien xehed l-appellant sabiex tistabilixxi li l-appellant kellu problema ta' *substance abuse*. Wara li Dr. Darmanin xehdet li kienet bdiet tara lill-appellant fil-31 ta' Awissu 2005, cioe` ftit aktar minn sena u xahrejn minn meta l-Pulizija marru fir-residenza ta' l-appellant, l-Imhallef li ppresjeda l-guri stqarr li dik ix-xhud ma kellhiex rilevanza f'dak l-istadju. Mill-atti ma jirrizultax illi wara li nghata l-verdett giet riprodotta. Fil-fatt wara l-verdett giet prodotta biss Vicky Scicluna mill-Agenzija SEDQA. Issa, jekk l-appellant kellu problema ta' *substance abuse* dan assolutament ma jezimiehx mir-responsabbilta` kriminali. Jekk illum m'ghadx ghandu dik il-problema, dan huwa ta' vantagg kemm ghalih kif ukoll ghas-socjeta` izda ma jfissirx illi ma jridx iwiegeb ta' ghemilu.

Rigward il-fatt li l-gurati ma kinux unanimi dwar it-tieni kap, dan ittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti meta ghamlet referenza ghall-proviso ta' l-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap. 101.

Ghalhekk l-aggravju dwar il-piena qieghed jigi michud.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-mod kif l-Imhallef indirizza lill-gurati sabiex jekk kienu se jirrakkomandaw il-klemenza kellhom iqumu bil-wieqfa wiehed wiehed u jispjegaw ir-ragunijiet li ghalihom kienu qeghdin jirrakkomandaw il-klemenza. Jghid li dan certament gerrex lill-gurati u ghalhekk kien irregolari u, skond l-appellant, ma kienx stipulat fil-Kodici Kriminali u lanqas il-mod kif fil-passat il-gurati thallew jesprimu tali rakkomandazzjoni ghall-klemenza.

L-artikolu 484 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk :

**"Kull wiehed mill-gurati jista', billi jaghti r-raguni, jirrakkomanda lill-akkuzat misjub hati, ghall-hniena tal-qorti; u din ir-rakkomandazzjoni tista' tigi milqugha**

**mill-qorti, jew fl-applikazzjoni tal-ligi, jew billi tikkomunikaha lill-President ta' Malta f'rapport li taghmel ghaldaqshekk, jew f'xi wiehed mir-rapporti msemmijin fl-artikoli 493 u 494."**

La dan l-artikolu u l-anqas xi artikolu iehor ma jistipula l-procedura li ghandha tigi adottata sabiex ikun maghruf jekk il-gurati jew min minnhom jixtiequ jirrakkomandaw il-klemenza. Dak li hu cert hu li f'kaz ta' tali rakkomandazzjoni <u>trid tinghata r-raguni</u>. Ghalhekk bil-mod kif l-Imhallef li ppresjeda l-guri ddecieda li l-gurati ghandhom jipprocedu ma sar xejn irregolari.

Konsegwentement anke dan l-aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, b'dan li l-perijodu sabiex l-Avukat Generali jipprezenta nota biex jinforma lil din il-Qorti jekk ghandux bzonn li d-droga tigi preservata ghal skop ta' proceduri ohra kontra terzi jibda jiddekorri millum. Kif ukoll jibda jiddekorri millum il-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez tal-perizji.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------